**Kunsill Reġjonali Għawdex**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 142/2025**

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-boardroom fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Sannat |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur David Apap | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Victor Curmi | Sindku, Sindku Kunsill Lokali Xagħra |

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xewkija
Kunsill Lokali Għasri
Kunsill Lokali Kerċem

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**142.1 <u>Talba</u>**

142.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**141.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

142.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 141 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

142.2.2 Il-President, Dr Samuel Azzopardi qal li bħala punti mill-minuti jixtieq jinforma lill-membri preżenti li għalkemm li r-Reġjun Għawdex approva l-ammont ta' €3,000 bħala għajnuna għall-produzzjoni Moana Jr. Dawn ma kellhomx ċans jagħmlu dak meħtieġ biex ikunu eliġibbli għal-fondi minħabba nuqqas ta' ħin. Għalhekk il-President issuġġerixxa li dawn ikunu eliġibbli għall-fondi s-sena d-dieħla jekk jerġgħu jagħmlu produzzjoni teatrali li jinkludi tfal mill-iskejjel primarji tal-Gvern Għawdxin kollha. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**142.3 <u>Approvazzjoni tal-Financial Statements 2024.</u>**

142.3.1 Il-President, Dr Samuel Azzopardi talab sabiex l-ordni tal-aġenda tinbidel peress li kienet preżenti l-accountant tar-Reġjun. Din it-talba ġiet milqugħa. L-accountant, is-Sinjura Sharon Zammit informat lill-membri preżenti li l-accounts kif kienu ġew approvati (unaudited) baqgħu l-istess ħlief għal xi aġġustamenti (shifting) ta' xi entries. Hi spjegat is-sitwazzjoni tar-Reġjun Għawdex u qalet li jidher li defiċit ġej mill-ispejjeż tal-ġbir u '*tipping fees'* tal-iskart. L-aktar spiża li għandu r-Reġjun huwa tal-iskart u wara tas-salarji. Hemm ukoll allokazzjoni kapitali maħsub f'dawn l-istatements għar-renovazzjoni u restawr tal-propjeta l-ġdida.

Il-financial statements 2024 ġew approvati.

**142.4 <u>Korrispondenza.</u>**

142.4.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand Is-Sur Ruben Mercieca tal-Gozo College dwar proposta tal-Gozo College għal lis-STEM Community Funds. Huma talbu s-somma ta' €295 sabiex jinkera d-dawl neċessarju biex issir filming biex jintuża għat-tagħlim tal-matematika, integrati f' tema attwali. Din it-talba ġiet approvata.

142.4.2 Ulied Il-Belt Il-Qadima għamlet talba lill-Kunsill Reġjonali Għawdex għall-fondi fl-okkażjoni tal-50 sena mill-inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari u il-75 sena mid-Domma tal-Assunzzjoni. Għal din l-okkażjoni ser jittella' Oratorio fit-28 ta' Novembru 2025. Huma talbu s-somma ta' €12,000. Il-membri tal-Kunsill Reġjonali Għawdex ma qablux ma' din it-talba. Huma qalu li kull parroċċa jkollha xi anniversarju u jekk tingħata għajnuna lil waħda trid tingħata lil kull parroċċa.

142.4.3 Ir-Reġjun Għawdex irċieva permezz ta' email mingħand l-awtur Charles Bezzina l-prezz tal-ktieb "The Gozo Airfield". Dan il-ktieb ser jinbiegħ bil-prezz ta' €12. Il-membri qablu li jinxtraw 15 il-ktieb u dawn jitqassmu mir-Reġjun Għawdex lill-Kunsilli jew lill-libreriji rispettivi mir-Reġjun Għawdex.

142.4.4 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva talba mingħand il-President tal-Otters Aquatic Sports Club, Is-Sur Enzo Dimech biex ir-Reġjun Għawdex jissapportja l-inizzjattiva tal-Otters Fest – Open Water Race li ser tinżamm nhar is-7 ta' Settembru f'Għawdex. Il-President qal li fil-passat kien hemm il-Birkirkara St. Joseph Sports Club jikkollabora mal-Otters. Iżda dan il-club m'għadux jeżisti u għalhekk l-Otters ASC qed jidħol għal din l-inizjattiva. Dan huwa l-uniku aquatic club fil-gżejjer Maltin. Il-President qal ukoll li fil-passat ir-Reġjun kien jikkollabora biex issir TRi-Gozo li dawn m'għadhomx isiru. Il-membri preżenti approvaw il-kollaborazzjoni mal-Otters ASC fl-ammont ta' €5,000.

142.4.5 Email mingħand Is-Sur Mario Fava dwar il-kwistjoni ta' ġbir ta' skart minn postijiet pubbliċi madwar Għawdex. Hu talab biex issir laqgħa flimkien mal-Ministri kkonċernati, Sindki u President tar-Reġjun Għawdex. Il-President qal li hu ser ikellem lis-sur Fava hu.

Il-President qal li din il-kwistjoni għandha bżonn rimedju immedjatament. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex talab l-intervent lill-Ministeri u Dipartimenti konċernati fis-sena 2024 kif ukoll din is-sena u baqa' bla risposta ħlief mingħand il-President tal-AKL. Għalhekk, il-President, Dr. Samuel Azzopardi issuġġerixxa li r-Reġjun Għawdex joħroġ skema għal dawn il-lokalitajiet - Munxar, Żebbuġ u Rabat (Ċitta Vittoria) bħala rimedju immedjata. Il-President ippropona l-ammont ta' €2,500 għal kull lokalita'. Jridu jiġu ppreżentati l-kontijiet flimkien mal-irċevuti fiskali għar-rimborż. Il-membri preżenti qablu ma' din l-iskema.

142.4.6 Email mingħand id-Direttur Nazzjonali tad-Duke of Edinburgh's International Award Malta, dwar programm għaż-żgħazagħ bejn l-eta ta' 13 u 25 li jiffoka fuq ħiliet tal-ħajja reali, reżiljenza, tmexxija, u sens ta' komunità. Dan il-kors issa huwa akkreditat f'Malta. Huma talbu biex jikkollaboraw mar-Reġjun biex ir-Reġjun ikollu sehem fl-isforz biex jinvestu fil-ġenerazzjoni li jmiss. Il-membri preżenti qablu ma' din l-inizjattiva.

142.4.7 Il-Maniġer tal-Proġetti fi ħdan ir-Reġjun Għawdex bagħat aġġornament dwar il-proġett tas-sistema tas-software biex tirrapporta bozoz mhux jixgħelu. Dan ser ikun jiġi ttestjat internament fl-aħħar ta' Mejju u ssir it-tnedija mal-Kunsilli ftit ġimgħat wara. Huwa ipproġettat li matul ix-xahar ta' Lulju ssir it-tnedija tal-applikazzjoni tas-software dwar din l-istess sistema.

142.4.8 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand TeatruMalta dwar Ġambori 2025 f'Għawdex. Kif kien deċiż fl-laqgħa preċedenti, ir-Reġjun ser jiffinanzja l-ispiża ta' din il-produzzjoni bħala parti mir-Reġjun tal-Kultural – Għawdex 2025, peress li l-atturi huma kollha (12) minn Għawdex. Għalhekk l-ammont ta' €5000 ġie kkonfermat. Issa qed jitolbu għal tlett (3) venues fejn jistgħu jittellgħu dawn ix-xogħolijiet teatrali biex jitgawdew mill-anzjani li jattendu ċ-ċentri tal-anzjani madwar Għawdex. Diversi Sindki preżenti wrew l-interess tagħhom li dawn jittellgħu fil-lokalitajiet tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat email lill-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha biex il-Kunsill ikollu lista ta' min hu interessat.

**142.5 <u>Region of Culture- Gozo 2025 aġġornament.</u>**

142.5.1 Hekk kif dalwaqt wasal nofs is-sena, s-Sindki ġew mistoqsija x'jaħsbu dwar l-attivitajiet/avvenimenti li qed jiġu organizzati f'din is-sena li Għawdex ngħata t-titlu "Region of Culture – Gozo 2025". Is-Sindki u membri sostituti preżenti qalu li ftit li xejn qed jaraw affarijiet dwar din is-sena n-partikulari. Ħafna mis-Sindki qalu li huma tħallew bla risposti dwar l-attivitajiet u bla direzzjoni. Sindki oħrajn qalu li l-attivitajiet tagħhom mhux qed jiġu aċċettati u ma jistgħux jifhmu għaliex. Bħala attivitajiet ma spikka xejn. Il-President qal li hu stenna ħafna aħjar speċjalment meta ġie nkarigat "Artistic Director" għal din is-sena u l-ħlas ta' dan il-kuntratt huwa kważi daqs is-salarju tal-maniġers.

Bħala triq 'l quddiem il-President staqsa jekk jaħsbux li dan il-kuntratt għandux jitkompla. Huwa qal li l-Artistic Director għandha ħafna mpenji oħra u mhux tagħti l-attenzjoni meħtieġa lir-Reġjun Għawdex. Il-membri preżenti qablu li dan il-kuntratt għandu jiġi terminat jekk huwa possibbli. Is-Seġretarju Eżekutiv informat lill-membri preżenti li l-kuntratt jista' jiġi terminat b'xahar notice. Is-Sindki staqsew minn ser ikun qed immexxi l-kumplament tas-sena tal-Region of Culture. Is-Segretarju Eżekuttiv informathom li hi flimkien mal-manaġers, speċjalment il-Maniġer tal-Kultura ser ikunu jieħdu dawn l-attivitajiet f'idejhom kif ukoll bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali. Fil-fatt diġà bdew jieħdu ħsieb l-attività' finali li ser issir fil-5 ta' Diċembru. Kien hemm qbil unanimament mill-membri preżenti li l-kuntratt tal-Artistic Director jiġi tterminat kif huwa permess minn l-istess kuntratt.

**142.6 <u>Platform Meeting u European Young Chef Awards – Diċembru 2026.</u>**

142.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li hi flimkien mal-President għadhom kif attendew "Platform Meeting tal-Gastronomija f'Sqallija. Is-sena 2026 ir-Reġjun Għawdex ser ikollu t-titlu European Region of Gastronomy. Dan ser jirrekjedi ħafna xogħol u għalhekk sar focus group kompost minn tlett maniġers taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. B'hekk il-Maniġer tal-Kultura tkun tista' tagħti l-attenzjoni tagħha fuq ir-Reġjun tal-Kultura 2025. Id-dati tal-Platform Meeting u European Young Chef Awards, li ser jiġi ospitat mir-Reġjun Għawdex ser ikunu mid-30 ta' Novembru sal-4 ta' Diċembru 2026.

Din is-sena l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar se ikun qed jospita l-Food Film Festival bejn it-27 ta' Ottubru u d-29 ta' Ottubru 2025.

**142.7 <u>Laqgħa Plenarja.</u>**

142.7.1 Ġiet iffissata d-data tas-Sibt 21 ta' Ġunju biex tinżamm il-Laqgħa Plenarja. Din hija okkażjoni biex il-membri kollha tal-Kunsilli Lokali Għawdxin flimkien mar-Reġjun Għawdex jiltaqgħu u jiddiskutu l-ħidma tagħhom. Din ser tkun fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Wara jkun hemm ikla tan-nofsinhar.

**142.8 <u>Kamp tas-Sajf għat-Tfal Ukraini.</u>**

142.8.1. Bħas-sentejn ta' qabel il-Kunsill Reġjonali Għawdex qed jipproponi sabiex jerġa jospita' grupp ta' għaxart itfal (10) flimkien mal-caretaker tagħhom għal ġimgħa matul is-sajf biex jagħti lil dawn it-tfal serħan mill-gwerra u opportunita' biex igawdu lil-xulxin u l-ambjent ta' madwarhom mingħajr biża. Dawn ser jinġabu Għawdex bejn it-18 u l-25 ta' Awwissu 2025. Ir-Reġjun Għawdex qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsilli billi jieħdu lil dawn it-tfal għal nofs ta' nhar u jeħduhom f'xi attivita' kulturali jew sportiva u jagħtuhom ikla. Il-membri preżenti qablu li jgħinu f'dan il-kamp. Ir-Reġjun Għawdex ser jipprovdi l-vjaġġi, akkomodazzjoni, u ikel u trasport.

**142.9 <u>Materji Oħra.</u>**

142.9.1 Il-Viċi Sindku tan-Nadur staqsa jekk ir-Reġjun Għawdex jistax joħroġ xi skemi għall-Kunsilli. Kif ġie spjegat mill-accountant tar-Reġjun, għalkemm jidher li r-Reġjun għandu ħafna fondi, fil-fatt dan mhux il-każ. Ir-Reġjun għandu fil-kontijiet tal-bank tiegħu fondi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u dawn jitqassmu lill-Kunsilli fuq direzzjoni tad-Diviżjoni. Barra minn hekk l-ispiża tal-ġbir u tipping tal-iskart jiswa madwar 1.5 miljun fis-sena.

142.9.2 Is-Sindku taż-Żebbuġ staqsa dwar il-Green Wardens. Hu ġie avżat li dawk ma jeżistux f'Għawdex u biex jinġabu minn Malta hemm spiża kbira.

142.9.3 Il-Viċi Sindku tan-Nadur staqsa x'inhi r-rwol tat-Transport Malta. Dan għaliex meta l-Kunsill tan-Nadur talab lit-Transport Malta għajnuna u direzzjoni dwar il-parkeġġ fil-bajja ta' Daħlet Qorrot, huma ġew mitluba mit-TM biex jipprovdu rapport minn perit/inġinier. Il-Viċi Sindku ġie nformat li minn dejjem kienet hekk, li l-Kunsilli jagħmlu dawn it-tip ta' rapport għas-spejjeż tagħhom.

**142.10 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>**

142.10.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 153 li kienet tammonta għal €195,633.33.

**142.11 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

142.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit:20:00 u ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Ġunju fis-6:00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv